MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 1(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, id-19 ta' Jannar 2010, fil-5.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Attivitajiet għall-Karnival
6. Il-Laqgħa Annwali u l-*Budget* 2010
7. Applikazzjoni għal-Fondi Supplimentari
8. Il-*Performance Bonus* tal-Impjegati
9. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
10. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 13(2009) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma kien hemm xejn *Arising* mill-Minuti.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Is-Sur Brian Debattista li joqgħod 5 Triq il-Port Ruman kien kiteb lill-Kunsill biex joġġezzjona għal kaxxa bajda li tpinġiet fuq il-bankina quddiem id-dar tiegħu. Il-Viċi-Sindku talab kopja tal-*email* tas-Sur Debattista mingħand is-Segretarju Eżekuttiv sabiex ifassal risposta.

**4.3** Is-Sinjura Carmen Scicluna kitbet biex tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill lejn parti perikoluża ta' Triq il-Port Ruman fejn jipparkjaw ħafna karozzi meta jkun hemm

logħob tal-futbol. Il-Kunsill qabel li jsir *Double Yellow Line* f'din il-parti tat-triq fuq in-naħa ta' Ġnien Ġuze' Cassar.

**4.4** Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni tal-kumpanija Bestprint għall-istampar tal-ħarġa tal-fuljett li jmiss. Għal 1,500 kopja l-prezz mitlub kien ta' €1,140 + 5% VAT.

## 5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku

**5.1** Is-Sindku, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Pomroy, u f'okkażżjoni oħra, is-Sindku u l-Kunsillier Grech, kellhom laqgħat mas-Sur Oliver Lautier tal-MRRA dwar il-progress tal-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt u l-proposti tal-Ministeru . Dwar dawn il-proposti il-Kunsill iddeċieda li :

- Il-Kunsill ma jaqbilx mat-tined għas-sajjieda ħdejn l-għajn tal-ħasselin u ma jaqbilx li dawn ikunu permanenti.
- Il-Kunsill qabel ukoll li l-bejjiegħa ta' fost il-ġimgħa iridu jarmaw bil-karrijiet bir-roti tar-*rubber* u l-Kunsill jassumi li ġa sar ftehim dwar dan bejn lil-Ministeru u l-bejjiegħa.
- Il-moll jibqa' wiesa' erba' piedi mid-dar tal-bank sal-baħar.
- Il-bank ta' mal-baħar għandu jibqa' sejjer minn Pjazza l-Madonna ta' Pompei sa Triq is-Salvatur.

**5.2** Is-Sindku kien ukoll attenda attivita' organizzata mit-TCTC li fiha ngħataw *awards* lil Kunsilli li kienu organizzaw korsijiet tal-kompjuter fil-lokalitajiet tagħhom.

## 6. Attivitajiet għall-Karnival

**6.1** Il-Kunsill unanimament approva l-programm ta' attivitajiet għall-Karnival propost minn Leon Promotions għall prezz globali ta' €2,100. L-attivitajiet se jsiru nhar il-Ħadd, l-14 ta' Frar 2010.

## 7. Il-Laqgħa Annwali u l-*Budget* 2010

**7.1** Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa Annwali għall-Pubbliku li fiha jiġi ppreżentat il-*Budget* għas-sena 2010 issir nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Frar 2010, fis-Sala Peter the Great.

## 8. Applikazzjoni għal Fondi Supplimentari

**8.1** Il-Kunsill qabel li japplika għal fondi supplimentari għal fondi għax-xiri ta' kotba għall-Librerija Pubblika (Memo 12/2010) u li japplika għal għotja ta' numru ta' siġar – preferibilment siġar taż-żnuber - sabiex jitħawwlu fil-lokalita' (Memo 16/2010).

## 9. Il-*Performance Bonus* tal-Impjegati

**9.1** Il-Kunsill approva unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jingħataw il-massimu tal-*performance bonus* li huma intitolati għalieħ - 10% tas-salarju bażiku għas-Segretarju Eżekuttiv u ta' 6% għad-Deputat Segretarju u l-Iskrivan.

**9.2** Il-votazzjoni saret fl-assenza tas-Segretarju Eżekuttiv li ħareġ mill-kamra.

## 10. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**10.1** Il-Kunsillier Pomroy, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Allied Newspapers | Avviż lill-bejjiegħa dwar l-attivita' tal-Milied | 60.30 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Maghluq u tindif tal-litter bins ħdejn Binja Ħal Ġinwi 09.11.09 - 21.12.09 (X7) | 122.29 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġuże' Cassar,Ġnien il-Familja u tindif tax-Xatt 05.11.09 – 19.12.09 (X19) | 486.78 |
| Anġlu Cutajar | Qtugħ ta' ħaxix u tindif Tas-Silġ | 268.00 |
| Anġlu Cutajar | Tindif ta' ħmieġ ħdejn l-Iskuna l-antika | 25.00 |
| Anġlu Grech (tal-Milord) | Konkos għall-bankina Triq l-Arznell 16.12.09 (0202) | 289.10 |
| Carmel Aber | Ponsjetti | 31.50 |
| Carmel Mifsud | Tindif wara s-suq ta' nhar ta' Ħadd Nov - Diċ 09 | 2647.45 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Nov u Diċ 09 (78 hrs @ €5.59/hr) | 436.02 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 29.12.09 | 39.50 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 15.01.10 | 42.33 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Diċ  09 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Diċ 09 | 159.02 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Diċ 09 | 626.39 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Diċ 09 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Diċ 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Diċ 09 | 58.23 |
| GO | 21659555, Diċ 09 | 18.82 |
| GO | 21652525, Diċ 09 | 259.67 |
| GO | 21650937, Diċ 09 | 57.72 |
| GO | 21652392, Kera Jan 10 | 17.91 |
| G4S Security | *Cash-in-transit* Diċ 09 | 30.44 |
| Għaqda Kooperattiva tas-Sajd Ltd | Materjali għall-manutenzjoni u tiswijiet | 70.71 |
| Għaqda Kooperattiva tas-Sajd Ltd | Materjali għall-manutenzjoni u tiswijiet | 243.87 |
| Image Systems | Tiswijiet tal-*photocopier* | 321.48 |
| In Design | Qalziet tax-xitwa - uniformi Caroline Fenech | 45.49 |
| InServ | Boroż taż-żibel tal-plastik | 71.20 |
| Intercomp | Tiswija tal-HP Laserjet Printer | 271.64 |
| J&A General Operations | Trasport għall-ħarġa għall-Christmas Village | 270.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Diċ 09 | 87.41 |
| Kummissarju tal-Pulizija | *Extra Duty* għall-attivita' tal-Milied | 208.94 |
| Leon Promotions | Attivita' tal-Milied- *Stage Show* | 650.00 |
| Leon Promotions | Attivita' tal-Milied- *Animators* | 700.00 |
| Leon Promotions | Attivita' tal-Milied - *PA System*, Banda Taljana, eċċ | 1150.00 |
| Leon Promotions | Attivita' tal-Milied - *Set-up, transport of stage, S Claus* | 1100.00 |
| M.G. Pulis | Tiswija tal-pompa tal-ilma | 30.00 |
| Merlin Library | Kotba għall-Librerija Pubblika | 14.25 |
| Merlin Library | Kotba għall-Librerija Pubblika | 325.00 |
| Neriku Confectionery | Ikel għall-bibita tal-Milied | 287.50 |
| Nexos | *Street lighting maintenance* Diċ 09 | 621.33 |
| Patrick Cellars | Xorb għall-bibita tal-Milied u rigali | 27.90 |
| Raymond's Ironmongery | Pajp oħxon għal mera | 48.07 |
| Roc-a-go | Skip Triq l-Arznell u Triq il-Kajjik 09.12.09 | 109.94 |
| Scan (PC Options Ltd) | TFT Monitor | 167.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Sigma Coatings | Żebgħa bajda u safra għal-markeġġi tat-toroq | 424.79 |
| Sigma Coatings | Żebgħa bajda għal-markeġġi tat-toroq | 75.04 |
| Silvan Carabott | Bukkett fjuri għall-funeral ta' Mrs Cachia | 20.00 |
| Smart Office Supplies | *Colour Laser Printer Cartridges* | 287.67 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 45.75 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* | 19.95 |
| Standard Publications | Avviż lill-bejjiegħa dwar l-attivita' tal-Milied | 46.26 |
| T.M. Ironmongery | Materjali għall-manutenzjoni u tiswijiet | 2192.98 |
| Union Print | Avviż lill-bejjiegħa dwar l-attivita' tal-Milied | 62.02 |
| Valle del Miele | Rigali tal-Milied għall-Anzjani | 51.87 |
| Valley Pet Shop | Bexx għall-ħaxix ħażin | 39.60 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Diċ 09 | 1764.25 |
| | **Total** | **€23,795.73** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**11. Affarjiet Oħra**

**11.1** Il-Sindku talab li s-Segretarju Eżekuttiv jitlob laqgħa ma' Dr Andreina Fenech-Farrugia tad-Dipartiment tas-Sajd dwar is-*Service Modules* għas-sajjieda.

**11.2** Il-Kunsill qabel li fil-Milied 2010 jitqassmu *vouchers* lill-anzjani sabiex jiġbru r-rigali tal-Milied huma stess.

**11.3** Il-Kunsill studja l-proposta tal-pulizija sabiex meta jingħalaq Xatt is-Sajjieda, jitqiegħdu *bollards* biex jingħalqu t-toroq li għandhom aċċess għax-Xatt. Il-Kunsill qabel mal-kunċett u ser jikkunsidrah fil-ġimgħat li ġejjin.

**11.4** Il-Kunsill studja l-pjanta tal-*playground* ġdid tal-Magħluq li kien lesta l-Perit Marvin Ellul. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jitlob *side elevations* u *Bill of Quantities* mingħand il-Perit.

**12.** Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar 2010.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**